



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

18.5.2015

0020/2015

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-protezzjoni tal-boskijiet tal-qastan

**Ivan Jakovčić (ALDE), Jozo Radoš (ALDE), Ulrike Müller (ALDE),  
Mercedes Bresso (S&D), Isabella De Monte (S&D), José Inácio Faria  
(ALDE), Alberto Cirio (PPE), Nicola Danti (S&D), Angelika Mlinar  
(ALDE), Ilhan Kyuchyuk (ALDE), Nicola Caputo (S&D), Franc Bogovič  
(PPE)**

Data ta' skadenza: 18.8.2015

**0020/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,  
dwar il-protezzjoni tal-boskijiet tal-qastan<sup>1</sup>**

1. Il-boskijiet tal-qastan Ewropej jinsabu mhedda f'16-il Stat Membru mill-organiżmu ta' ħsara perikoluż *Dryocosmus kuriphilus*, u f'24 Stat Membru mill-fungu *Cryphonectria parasitica*, li jikkawża l-kankru tal-qastan;
2. Il-qastan ħelu, jew *Castanea sativa*, huwa ta' importanza kbira għall-bijodiversità tal-foresti u għat-tradizzjoni gastronomika fl-oqsma fejn tikber kif ukoll għall-iżvilupp ekonomiku ta' ħafna territorji rurali.
3. Il-qastan ħelu qed jispiċċa b'rata mgħaqġġla f'ħafna oqsma u hemm bżonn li organiżmi ta' ħsara u parassiti jitrażżu bijoloġikament b'mezzi naturali u bi tħejjijiet mikrobijoloġiċi sabiex jiġu ppreservati l-komunitajiet tal-foresti.
4. Il-Kummissjoni qed tiġi mistiedna biex tħejji, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-awtoritatiet lokali u reġjonali, programm komprensiv u effettiv ta' miżuri mmirati biex irażżu u jeliminaw l-organiżmu ta' ħsara *Dryocosmus kuriphilus* u l-fungu *Cryphonectria parasitica*.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn magħgoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.